A.L. 59 tal-2018

ATT DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA (KAP. 464)

Regolamenti tal-2018 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 51 tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, il-Ministru għas-Saħħa għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2018 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar i1-Professjonijiet tas-Saħħa, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mal-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "il-Ħames Skeda".

Kap. 464.

Jemenda l-Ħames Skeda

2. Il-Ħames Skeda għandha tiġi emendata kif ġej:

Immedjatament wara l-lista B. KIRURGI DENTALI, għandhom jiżdiedu s-segwenti:

"Ċ. INFERMIERA

L-ispeċjalitajiet li dwarhom Kumitat għall-Approvazzjoni dwar Speċjalisti għal Infermiera għandu joħroġ ċertifikati ta' temm ta' taħriġ speċjalista jkunu dawn li ġejjin:

1. Anestesija u Maniġġjar tal-uġigħ
2. Diżabbiltà intellettwali
3. Forensika
4. Ġenetika
5. Ġerjatrija
6. Immaġini Mediku Nukleari
7. Kirurġija *
8. Kontroll tal-Infezzjoni
9. Kura Intensiva
10. Kura Palljattiva
11. Kura Primarja u tal-Komunità
12. Kura tal-Emerġenza
13. Mediċina *
14. Onkoloġija

15. Pedjatrija

16. Psikjatrija

17. Rijabilitazzjoni

18. Saħħa Pubblika

*din tinkludi s-sotto-speċjalitajiet kif dirett mill-kumitat tal-Akkreditazzjoni Speċjalista.

D. QWIEBEL

L-ispeċjalitajiet li dwarhom Kumitat għall-Approvazzjoni dwar Speċjalisti għal

Qwiebel għandu joħroġ ċertifikati ta' temm ta' taħriġ speċjalista jkunu dawn li ġejjin:

1. Kura Neonatali

2. Kura Primarja u tal-Komunità

3. Ostetriċja

4. Saħħa Mentali Perinatali

5. Saħħa Pubblika

6. Saħħa Riproduttiva"